# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**- Habi tal-Intenzjoni li ma Jkollux Tfal fiz-Zwieg Jirrendi l-Kunsens Vizzjat u z-Zwieg Null -**

**- Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 -**

## Illum 26 ta' Novembru 2015

Rikors Guramentat Nru. 245 / 14RGM

Kawza fil-lista: 17

**A B**

**vs**

**C D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici fl-4 ta' Novembru 2014, li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-partiiet zzewgu fl-4 ta' Ottubru, 2008 gewwa l-knisja Immakulata Kuncizzjoni, San Giljan liema zwieg gie rregistrat fir-Registru Pubbliku, Valletta bin-numru progressiv 2059/2008;

Illi ma tweldux tfal minn din l-unjoni u l-partijiet infirdu de facto f' Awissu 2014;

Illi ghalkemm kien jidher li l-istess zwieg kien validu effettivament ma kienx;

Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien ivvizzjat b'difett serju tad-diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew minhabba anomolija psikologika serja ai termini tal-artikolu 19(1) (d);

Illi inoltre l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom, kien ivvizjat b' eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga ai termini tal-artikolu 19(1)(f);

Illi l-istess esponenti ghandha interess li z-zwieg kkontrattat fl-4 ta' Ottubru, 2008 jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u ghalhekk qed isir dan ir-rikors.

Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara li z-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet fl-4 ta'Ottubru, 2008 gewwa l-knisja Immakulata Kuncizzjoni, San Giljan jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi ghar-ragunijiet hawn fuq indikati;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-riferta tal 25 ta’ Novembru 2014 li minnha jirrizulta li l-konvenut gie notifikat dakinhar personalment fil-bini tal-Qorti;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-4 ta' Frar 2015, fejn l-Avukat Dottor Roberto Montalto, ghall-attrici presenti fl-awla, ddikjara li l-azzjoni attrici hi msejsa fuq l-Artikolu 19(1)(f) u mhux fuq l-Artikolu 19(1)(d) u ghallhekk l-provi li kienu ser jigu pprodotti jirreferu ghall-hames premessa u mhux ir-raba' wahda;

Rat l-Affidavit tal-attrici ppresentat b'nota tal-4 ta' Frar 2015;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda tal-attrici, li xehedhet fis-seduta tas-16 ta' April 2015, u ta' ohtha, Sue Ellen Willie, li xehdet fl-istess seduta;

Rat n-nota tal-attrici tad-9 ta' Gunju 2015 li biha gie ppresentat ir-rapport mediku rilaxxjat mit-tabib Dottor Josie Muscat;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Lulju 2015 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat dwar il-provi;

**Provi tal-Attrici**.

Fl-affidavit taghha[1] l-attrici ddikjarat li zzewget lill-konvenut fl-4 ta' Ottubru 2008 wara xi zmien li kienu jafu lill-xulxin. Il-konvenut kien dak iz-zmien jahdem barra minn Malta. Meta kien jkun imsiefer kellha l-impressjoni li kellhom relazzjoni qawwija. Xhedet illi l-konvenut kien dejjem jevita l-intimita' bejniethom. Xi sentejn wara z-zwieg billi baqghet bla tfal, ikkonsultaw ma' tabib, izda l-konvenut irrifjuta li jsegwi l-istruzzjonijiet medici, u baqa' jixrob u jpejjep bla razan. Hi ddikjarat li f'dan iz-zmien ikkonfrontatu u ghall-ewwel darba qalilha esspressament li ma riedx tfal. Qabel dan iz-zmien tghid li ma kienitx taf li hu ma riedx tfal, pero' dan sar ghaliha ovvju tul iz-zwieg. L-attrici ddikjarat li kienet tkun dejjem hi li tipprova thajjru ghall-intimita'pero' hu kien dejjem izomm lura u jibqa' biered. Hu kien jaf sa minn qabel ma zzewgu kemm kienet tixtieq it-tfal izda qabel ma zzewgu qatt ma kien qalilha li ma xtaqx tfal. Il-bruda tieghu

[1] Fol. 11

zdiedet aktar recentement billi kellu relazzjoni ma’ mara ohra barra minn Malta, haga li skopriet ftit xhur qabel bdew dawn il-proceduri. Ghal din ir-raguni, flimkien ma’ certi diffikultajiet psikologici li kellu, il-konvenut telaq lill-attrici minhabba il-mara msemmija.

Hi kkonkludiet li kienet vittma ta’ ingann u ghahekk qed titlob li z-zwieg tal-partijiet ghandu jigi dikjarat null.

Fil-kontro-ezami kkonfermat li bi preparazzjoni ghaz-zwieg xtaw appartament l-Msida, mdaqqas, bi tlett kmamar tas-sodda bedrooms , propju biex ikunu jistghu jakkomodaw lit-tfal li hi hasbet li ser ikollhom matul iz-zwieg. Skopriet li kellu l-vizzju tad-droga, u li anke kellu kas il-Qorti. Kellhom relazzjoni ta’ erba snin qabel iz-zwieg, u ghamlu sitt snin mizzewgin, b’kollox ghaxar snin. Dwar id-droga saret taf erba snin wara z-zwieg.

Ikkonfermat li sseparaw f’Dicembru 2014. Fuq domanda tal-Qorti rrispondiet, li ma hargitx tqila, anke minnhabba il-lifestyle tieghu ta abbuz tad-droga, u l-*low sperm count* tieghu, kif gie kkonfermat mir-rapport mediku. Hi kkonfermat li qabel z-zwieg ma kenitx taf li kellu dan it-tip ta’ problema. Ghand it-tabib sar *hormonal test* fuqha u lilu sarlu *sperm test*. Gie rakkommandat lilu li jiehu Vitamin E u C kif ukoll zinc, izda dawn lanqas ried johodhom billi ma riedx tfal. Maghha biss kien qal li ma riedx tfal, pero’ dwar ir-relazzjoni li kellu ma’ mara ohra matul iz-zwieg kien qal lil oht l-attrici.

**Sue Ellen Willie** , oht l-attrici, xehedhet li wara z-zwieg ta’ ohtha, xi sentejn wara, nnotat bdil fl-atteggjament tal-konvenut. L-attrici kellha x-xewqa li tibni familja “from day one”. L-attrici kienet tghidilha li ma jersaqs lejha, u hi indunat li ohtha kellha l-problemi. Ix-xhud kkonfermat li l-attrici kienet tghidilha l-konvenut ma riedx tfal “ghax l-anqas jersaq lejja.” Irrakkontat l-incident meta marru Paceville, u l-konvenut gie arrestat minn erba’ Pulizija pajzana li qabbduh jabbuza bid-droga fil-kamra tal-banju tal-istabbilment fejn kienu. Wara dan l-incident l-attrici aktar qaghadhet attenta ghalih biex ma jabbuzax mid-droga, bir-rizultat li ddistakka ruhu aktar minnha. Ix-xhud kkonfermat li ghaliha kienet ovvja li l-konvenut ma riedx tfal.

**Ligi u Gurisprudenza**.

L-attrici qed titlob li z-zwieg bejn il-kontendenti kuntrattat fl-4 ta' Ottubru 2008, jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti tal-ligi fit-termini tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta billi skond il-verbal registrat fis-seduta tal-4 ta' Frar 2015, ddikjarat li mhiex tipprocedi skond l-Artikolu 19(1)(d) tal-istess Kapitolu 255.

**L-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255** jipprovdi hekk;

***B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skont xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:***

***(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta ' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewgz,jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.***

Il-gurisprudenza taghna dejjem qieset l-istitut taz-zwieg bhala wiehed ta' ordni pubbliku. Fil-kawza fl-ismijiet" **Anna Tonna vs Alexander Tonna**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991 ntqal s-segwenti:

"F'materja ta'zwieg, li hu ta' ordni pubbliku, ma tistax taghamilha daqshekk facile li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta kollizzjoni imam fil-kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccjozament wara xi zmien ta'zwieg jiddecidu li kellhom nuqqas ta'diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr dinid-diskrezzjoni u jsiru mayuri. Fejn jirrizzultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu,l-istess zwieg ghandu jigi annullat, pero' dan ma ghandux ikun sabiex ikunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor.

Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minnghajr dubbju."

Fil-kawza fl-ismijiet "**Suzanne sive Sue Rossi vs Benjamin sive Benny Bugeja**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 2002 gie dikjarat illi:

"Kif ilu stabbilit fil-gurisprudenza Maltija, l-kontumacja mhix ammissjoni imam opposizzjoni u l-Qorti ghandha tezamina akkuratament il-provi biex tara u tiddecidi jekk il-provi jwasslux ghall-konvinciment morali fil-giudikant li jaccetta t-talba attrici ghan-nullita' tal-istess zwieg.

Fil-kawza fl-ismijiet " **A. T. xebba V. vs A. T.** " deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Frar 1988 ntqal:

"Talba ghan-nullita taz-zwieg ma tistax tigi milqugha semplicement ghax il-konvenut jaghzel li jammetti t-talba. Il-kawza ta' nullita' trid tigi ppruvata mill-partijiet ghas-sodisfazzjon tal-Qorti."

Fil-kawza fl-ismijiet "**Anthony Gallo vs Dottor Anthony Cutajar et nomine**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 2002 ntqal:

"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu', wiehed jrid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens tieghu ghaz-zwieg, pero' bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg,........hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."

Fil-kawza "**Magri vs Magri**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Lulju 1994 ntqal li:

"Jekk din il-'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa ukoll nieqes. Din il-'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

L-attrici tikkontendi illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat billi nghata bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg nnifsu jew ta' xi element essenzjali tal-hajja mizzewga. Il-konvenut, ghalkemm debitament notifikat ma ppresenta l-ebda risposta u ghalhekk baqa' kontumaci. Skond is-sentenzi fuq citati, billi l-istitut taz-zwieg hu ta' ordni pubbliku, xorta wahda, anke fil-kontumacja tal-konvenut, il-Qorti jinhtieg li tkun moralment konvinta li mill-provi prodotti t-talba attrici timmerita li tigi milqugha.

Fil-kas in ezami rrizulta mill-provi li l-attrici, sa minn qabel iz-zwieg kienet mal-konvenut li  tixtieq it-tfal, xewqa  li kibret wara z-zwieg, izda, sfortuatament ghaliha, rrizulta li zewgha, ma kellu l-ebda intenzjoni li jkollhom it-tfal, tant li kien jevita li jkun intimu ma' martu.  Il-fatt li kien jahdem barra minn Malta, xahar msiefer fuq xoghol u xahar Malta, f'cirkostanzi simili wiehd kien jistenna illi koppja normali tkun intima ma' xulxin fiz-zmien li r-ragel jigi lura Malta mix-xoghol fl-esteru tieghu. Pero' fil-kaz odjerna jirrizulta illi ghalkemm l-attrici kienet tiehu l-inizzjattiva hi biex ikollhom intimita' sesswali, ma kienitx korrisposta minn zewgha il-konvenut, li ma kienx iffitthiexha u jevita li jkun intimu maghha.

F'din il-koppja irrizultat nieqsa dak li jinghad fis-sentenzi citati, cioe', l-imhabba konjugali u r-responsabilita' ghall-familja. Mill-provi rrizulta li l-konvenut kellu *lifestyle* li tirrefletti immaturita' u irresponsabilita', b'eccessi fix-xorb u t-tipjip,u ghar minn hekk l-abbuz tad-droga.  Dan apparti li rrizulta wkoll mir-rapport mediku li kellu *sperm count* baxx u l-anqas indenja ruhu jsegwi l-parir mediku li jiehu l-vitamini lilu rakkomandati. Kollox jindika illi l-kunsens tal-konvenut fil-mument li kkuntratta z-zwieg mal-attrici kien vizzjat peress li filwaqt li kien jaf kemm l-attrici xtaqet li meta jizzewgu jkollhom it-tfal, huwa bil-mohbi taghha kien diga iddecieda li matul iz-zwieg ma jkollhomx tfal.  F'kelma ohra ingannaha.

Huwa evidenti illi kieku l-attrici kienet taf bil-veru intenzjonijiet tieghu minn qabel iz-zwieg ma kenitx tizzewgu.

It-talba attrici ghalhekk tirrizulta sodisfacentment ippruvata, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**.

Ghal dawn il-motiv l-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fl-4 ta' Ottubru 2008 bhala null u bla effett fil-ligi billi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tal-artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg tal-partijiet.

Bl-ispejjez kontra  l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**